MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 79/2014

**GO plc (C22334)**

**Vs**

**Stefan Caruana (ID 339985M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u tlieta u erbghin ewro u disgha u sittin centezmu (€943.69c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40189201 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2- prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3- estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4- kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' 'nadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra mill-atti illi l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-28 t'Ottubru, 2014 mill-Avukat Dr Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' disa' mija u tlieta u erbghin ewro u disgha u sittin centezmu (€943.69c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-Sentenza sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------